MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2014

Numru 943/2013

**ILLUM 21 TA' JANNAR 2014**

Il-Pulizija

(Spettur Rennie Stivala)

vs

Joseph Zammit

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoniet kontra l-imputat, detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 472267 (M)

Akkuzat talli f'Awwissu 2012 u qabel, f'dawn il-Gzejjer:

1. assocja ruhu ma I persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel reat;

2. ipprova jesporta l-ammont ta' iktar minn 100,000 skartocc 12 gauge fil-Libja minghajr licenzja ghall-esportazzjoni tal-istess skratac, u/jew il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija;

3. zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nare jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II minghajr ma kellu licenzja that dan l-Att;

4. meta akkwista jew gew f'idejh xi arma tan-nar jew munizzjon xort'ohra milli ghax kellu licenzja, naqas milli minnufih javza lill-Kummissarju tal-Pulizija;

5. sabiex jikseb vantagg ghalih nnifsu jew ghal haddiehor, f'dokument mahsub ghal awtorita pubblika (dwana) xjentement ghamel dikjarazzjoni falza jew ta taghrif falz;

6. Ipprova jaghmel bejgh, provvista jew trasferiment, direttament jew indirettament lil cittadin tal-Jamahirija Gharbija Libjana minn Malta jew minn cittadini Maltin, jew billi uza bastimenti registrati taht bandiera ta' Malta, ta' armi u taghmir relatat ta' kull tip, inkluzi armi u munizzjon.

7. U billi fuq talba tad-Direttur Generali tad-Dwana, akkuzat talli fl-14 ta' Awwissu 2012, bil-koperazzjoni ta persuna jew persuni ohra, bil-hsieb li jevadi xi projbizzjoni u/jhew restrizzjoni tad-Dwana, u/jew that xi Ligi ohra, xjentement ittenta jew kie b'xi mod involut biex jigu esportati kwantita ta' skratec liema esportazzjoni kienet suggetta ghal limitazzjoni jew ghat-tharis ta' kundizzjonijiet. Dawn l-iskratec instabu, wara intervent mill-Ufficjali tadDwana, ippakkjati u mohbija ma' kwantita ta' *Energy Drinks – Red Bull*, waqt li kienu qed jitghabbew fuq container bin-numru TGHU2214755, biex sussegwentement jigu esportati lejn il-Libja. Instab ukoll li kien hemm toiletries biex jigu esportati. Sew l-*Energy Drinks – Red Bull*, kif ukoll it-*toiletries* kienu ddikjarati ghall-esportazzjoni lejn il-Libja bid-dokument tad-dwana ghall-esportazzjoni Numru 2012200111742. L-iskratec, l-*Energy Drinks – Red Bull* u *toiletries* ghandhom valur ta' 38,896.00 Euro, 45,481.21 Euro u 756Euro rispettivament. Dazju tal-esportqzzjoni – Xejn.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija, tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi, f'liema ammissjoni baqa' jinsisti anke wara li l-qorti taghtu hin jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat;

Fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti qeghda tiddikjarah hat ital-akkuzi riportati kontra tieghu. Dawn l-akkuzi jolqtu r-reat ta' assoccjazzjoni biex jitwettaq reat kriminali, reati kontra l-Ordinanza dwar l-Armi, reat ta' dikjarazzjoni falza lill-awtorita pubblika, ir-reat ta' ksur ta' sanzjonijiet imposti mill-Gnus Maghquda u reati li jiksru l-Ordinanza tad-Dwana.

Rat l-Artikoli 48A, 188, 17 tal-Kap 9, l-Artiklu 60 (f)(g), 61(1), 62(h)(l)(m), 68(1), 69(1)(2) u para (a) proviso Artikolu 62 tal-Kap 37, regolament 6 u 10 tal-Avviz Legali 116 tal-2011;

Tikkundannah:

1. fuq l-imputazzjoni numru (6) multa ta' 9000 Euro
2. fuq l-imputazzjoni numru (7) multa ta' 600 Euro li minnhom terz huma dovuti u pagabbli lill-Kontrollur tad-Dwana;
3. fuq l-imputazzjonijiet l-ohra, inkluz ghar-reati kontra l-Ordinanza tad-Dwana, prigunerija ta' sentejn millum li bl-applikazzjoni tak0Artikolu 28A tal-Kap 9 qed jigu sospizi ghal erba' snin millum.

Fuq talba tal-imputat, il-qorti qed tikkoncedi li ad eccezzjoni tal-ammont dovut lid-Direttur Generali tad-Dwana, l-ammont jithallas f'pagamenti ratejali ta' 262 Euro fix-xahar, bl-ewwel pagament sal-ahhar ta' Frar 2014 pagamenti successive u konsekuttivi f'kull l-ahhar ta' kull xahar sussegwenti, bid-dekadenza fin-nuqqas imqar f'pagament wiehed, altrimenti konvertibbli fi prigunerija skont il-ligi.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu skont is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------